***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta numru 170 tal-20 ta' Novembru 2018 dwar punt imqajjem mill-Onor. Glenn Bedingfield dwar rapportaġġ fuq l-*online portal theshiftnews.com***

Fis-Seduta Nru 169 tal-bieraħ, 19 ta' Novembru 2018, l-Onor. Glenn Bedingfield talab hekk lis-Sedja:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, nixtieq li s-Sedja tara jekk hemmx lok li tieħu provvediment dwar allegazzjonijiet li saru *online* lbieraħ, wara diskors li għamilt jien fis-Seduta Nru 166 tat-12 ta' Novembru, fejn l-*online portal theshiftnews.com* allegaw u insinwaw li jien ivvintajt affarijiet u saħansitra għamilt dikjarazzjoni falza f'dan il-Parlament fil-konfront ta' dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi, *ossia,* meta qal li l-Prim Ministru qed idaħħal €5,000 kuljum minn fuq il-korruzzjoni. Hawnhekk għandi t-*transcript* ta' dak li qal l-Onor. Azzopardi u nikkwota:
>
> > "Il-Maltin imorru l-bank biex isarrfu ċ-ċekk ta' Joseph, għandna ċ-ċekk ta' Joseph €40. Sinjura dak iċ-ċekk sarrfu, però ftakar li hu qed idaħħal €5,000 ħanini!"
>
> Hekk qal l-Onor. Jason Azzopardi."

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Onor. Glenn Bedingfield jgħid x'qed jitlob lis-Sedja, fejn l-Onor. Bedingfield qal hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Issa dan qed jgħid li jien ivvintajt dikjarazzjonijiet dwar Jason Azzopardi. Nixtieq nitolbok biex tara jekk hemmx lok li jkun hemm provvediment fil-konfront ta' din l-allegazzjoni. Jekk hawn allegazzjoni falza hija li dik għamel l-Onor. Jason Azzopardi, u aktar u aktar dak li qalu *theshiftnews.com* li jien ivvintajt xi ħaġa jew saħansitra għamilt dikjarazzjoni falza."

Hawnhekk is-Sedja qalet lill-Onor. Glenn Bedingfield li se tieħu nota, tara l-affarijiet bil-kwiet, u tagħti l-provvediment li jkun hemm bżonn.

Is-Sedja rat ir-rapport, *ossia* l-istorja li dehret fuq l-*online portal theshiftnews.com* tat-18 ta' Novembru 2018 taħt it-titolu '*Disinformation Watch: Toxic tactics on 17 Black*' u tagħmel referenza immedjata għall-parti saljenti taħt is-*subheading* '*Twisting the narrative*' fejn jintqal hekk:

> "*As the government struggled to maintain its show of business-as-usual over the past week, its disinformation became increasingly unhinged from reality.*
> *True to form, Labour MP Glenn Bedingfield invented a new piece of disinformation, saying that PN MP Jason Azzopardi's statement in parliament – that 17 Black was to funnel €5,000 every day into Schembri and Mizzi's Panama companies – was about Muscat.*
>
> *In a statement spread by Labour trolls, the General Workers Union news portal iNews Malta, and Labour MEP Miriam Dalli, Bedingfield claimed that Azzopardi used his parliamentary privilege to say that Muscat was pocketing €5,000 a day.*"

Fil-fatt, ġie kkwotat ukoll l-artikolu tal-*inews.com* fejn hemm miktub:

> "Jason Azzopardi jallega li l-PM qed idaħħal €5,000 kuljum … Owen Bonnici: "Egrant uriet li dan kollu gidba. Imma dan ma jafx jistħi?!"

L-artikolu jkompli:

> "*Labour officials then used Bedingfield's patently false claim to push an irrelevant, disconnected argument across social media about removing parliamentary privilege.*"

Is-Sedja rat ukoll id-diskors kollu traskritt li għamel l-Onor. Jason Azzopardi fis-Seduta Nru 166 tat-12 ta' Novembru 2018 u l-partijiet li s-Sedja deherilha għandha tikkwota mid-diskors li qal l-istess Onor. Jason Azzopardi huma s-segwenti:

> "Smajtu xi ħadd minnhom imeri dak li sirna nafu li dawn kellhom pjan miktub, maqbul u ppjanat biex idaħħlu €150,000 fix-xahar? Taf x'inhu, ħabib tiegħi, li qed tisma'?! €5,000 kuljum! Taf kemm trid iddum int biex taqlagħhom €5,000?! Il-Ministru Konrad Mizzi u ċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru Keith Schembri għamlu pjan bil-miktub biex kuljum, mar-radd tas-salib, iqum filgħodu jrodd is-salib u jgħid ġewwa €5,000 bil-korruzzjoni, bit-tixħim. Smajtu xi ħadd imerihom dawn il-fatti? Le."

Parti oħra mid-diskors li s-Sedja tħoss li għandha tikkwota hija din il-parti:

> "… ma nafx kemm-il mitt elf u biex jagħżel *power station* għandu doni partikolari Nexia BT bagħat *email* lil Mossack Fonseca l-Panama – fit-tnejn hemm il-ħmieġ u jinten ħafna dak il-ħmieġ – biex jinfurmawhom li se jdaħħlu €150,000 fix-xahar. Dan hu l-Labour Party. Ħalli nifhmu ftit. €150,000 fix-xahar kull wieħed minn Keith Schembri u Konrad Mizzi għal 18-il sena."

Aktar tard, proprju fl-aħħar parti tad-diskors tiegħu, l-Onor. Jason Azzopardi qal hekk:

> "Tagħmel storja, tagħmel skandlu bl-arloġġ tal-lira li kien jiswa €400 imbagħad korruzzjoni ta' €5,000 kuljum, €150,000 fix-xahar, serq ... Il-Maltin li jmorru l-bank biex isarrfu ċ-ċekk ta' Joseph … Għandna ċ-ċekk ta' Joseph €40! Sinjura dak iċ-ċekk sarrfu però ftakar li hu qed idaħħal €5,000 ħanini!
>
> Ħalli nagħlaq. Joseph Muscat huwa jew kompliċi jew ostaġġ ta' Keith Schembri u Konrad Mizzi u din hemm bżonn nispjegaw kemm hija serja."

Is-Sedja wara li rat u qrat dawn il-brani, jidher ċar li fid-diskors tiegħu, l-Onor. Jason Azzopardi kien qed jagħmel referenza għal €150,000 fix-xahar meta kien qed jispjega dak li kien qed jiġi allegat fil-konfront tal-Ministru Konrad Mizzi u tas-Sur Keith Schembri, iċ-*Chief of Staff* tal-Prim Ministru. Fl-aħħar bran però huwa ma identifikax lill-istess Konrad Mizzi u Keith Schembri imma alluda għaċ-ċekk li qed jibgħat Joseph lill-Maltin, ċekk ta' €40 - ovvjament Joseph li qed jagħmel referenza għalih huwa l-Prim Ministru - u fl-istess stqarrija, meta jagħmel referenza għal Joseph jirreferi għal "hu", li huwa l-istess Prim Ministru, li qed idaħħal €5,000. Tant hu hekk li huwa għalaq billi qal "Joseph Muscat huwa jew kompliċi jew ostaġġ ..."

Għalhekk, ir-referenza u l-bran indikat mill-istess *theshiftnews.com* fl-artikolu "*Disinformation Watch: Toxic tactics on 17 Black*", meta jgħid "*Labour MP Glenn Bedingfield invented a new*

*piece of disinformation*" u meta jgħid "*Labour officials then used Bedingfield's patently false claim*" mhuwiex korrett. Dan għaliex fl-aħħar parti tad-diskors tal-Onor. Jason Azzopardi fis-Seduta tat-12 ta' Novembru 2018, huwa kien qed jirreferi għal Joseph il-Prim Ministru.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi dan ir-*ruling* billi tinforma lill-istess *theshiftnews.com* biex tagħmel il-korrezzjoni meħtieġa f'dik il-parti fejn tgħid, u nikkwota:

> "*True to form, Labour MP Glenn Bedingfield invented a new piece of disinformation*."

Din għandha tiġi korretta għax mhuwiex il-każ għaliex jirriżulta mod ieħor.

Għandha tiġi kkoreġuta wkoll il-parti li tgħid:

> "*Labour officials then used Bedingfield's patently false claim*".

Din il-parti wkoll mhijiex korretta għaliex ma kien hemm l-ebda "*false claim*" min-naħa tal-Onor. Glenn Bedingfield meta kien qed jikkwota *verbatim* lill-istess Onor. Jason Azzopardi.

Ir-*ruling* huwa deċiż.